

Brussell, 10 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13017/26

EF 243
ECOFIN 1165
DROIPEN 135
CRIMORG 189
DELECT 144

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6179 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'8.9.2026 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2018/1108 fir-rigward tal-kriterji għall-ħatra ta' punti ta' kuntatt ċentrali għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi u r-regoli dwar il-funzjonijiet tagħhom

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 6179 final.

Mehmuż: C(2026) 6179 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2026
C(2026) 6179 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 8.9.2026

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2018/1108 fir-rigward tal-kriterji għall-ħatra ta' punti ta' kuntatt ċentrali għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi u r-regoli dwar il-funzjonijiet tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 45(11) tad-Direttiva (UE) Nru 2015/849 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara s-sottomissjoni ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, atti delegati li jispeċifikaw il-kriterji għad-determinazzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom il-ħatra ta' punt ta' kuntatt ċentrali tkun xierqa, u l-funzjonijiet tal-punti ta' kuntatt ċentrali.

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi l-EBA, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-abbozz ta' standards tekniċi jekk tapprovahomx. Tista' wkoll tapprovahom parzjalment biss jew b'emendi meta l-interessi tal-UE jeħtieġu dan, b'kont meħud tal-proċedura speċifika stabbilita f'dawk l-artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-EBA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 45(10) tad-Direttiva (UE) 2015/849. Fl-4 ta' Diċembru 2024 ġie ppubblikat dokument ta' konsultazzjoni fuq is-sit web tal-EBA, u l-konsultazzjoni għalqet fl-4 ta' Frar 2025. Barra minn hekk, l-EBA talbet li l-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati jitwaqqaf f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex itiha parir dwar l-abbozz ta' standards tekniċi. Flimkien mal-abbozz ta' standards tekniċi, l-EBA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif tqies l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet fl-iżvilupp tal-abbozz finali ta' standards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozz ta' standards tekniċi, u f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA ssottomettiet il-valutazzjoni tal-impatt tagħha, inkluż l-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji relatat mal-abbozz ta' standards tekniċi. Din l-analiżi hija disponibbli fir-[Regulatory Technical Standards on CCP to strengthen fight against financial crime | European Banking Authority](#), il-paġni 12-15 tar-Rapport Finali dwar l-abbozz ta' standards tekniċi.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-istandards tekniċi regolatorji finali jistabbilixxu l-kriterji għad-determinazzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom tkun xierqa l-ħatra ta' punt ta' kuntatt ċentrali, kif ukoll il-funzjonijiet ta' dawk il-punti ta' kuntatt ċentrali. Peress li l-istess kunsiderazzjonijiet li japplikaw għall-emittenti tal-flus elettroniċi (EMIs) u għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament (PSPs) japplikaw ukoll għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi (CASPs), l-EBA tipproponi li żżomm l-istruttura u l-approċċ stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1108 u testendi d-dispożizzjonijiet eżistenti għas-CASPs (u tħalli d-dispożizzjonijiet li japplikaw għall-EMIs u l-PSPs l-istess), filwaqt li tadattahom għan-natura distinta tas-servizzi tal-kriptoassi, kif imfakkar fil-premessa 27 tar-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, u filwaqt li tintroduċi wkoll b'mod proporzjonali dispożizzjonijiet

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L, 2024/1624, 19.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj>).

ġodda għas-CASPs fejn dan ikun meħtieġ fid-dawl tal-mudell tan-negozju u l-operat tagħhom. B'mod speċifiku, l-EBA ddeċidiet li: (a) tinkludi definizzjoni ta' CASPs (li tirrifletti d-definizzjoni fl-Artikolu 3(19) tad-Direttiva (UE) 2015/849); (b) testendi d-definizzjonijiet eżistenti ta' "awtorità kompetenti" u "Stat Membru ospitanti" biex jinkludu referenzi għas-CASPs; (c) testendi dispożizzjonijiet speċifiċi għas-CASPs; u (d) tinkludi kriterji speċifiċi għad-determinazzjoni ta' ċirkostanzi li fihom is-CASPs għandhom ikunu meħtieġa jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.9.2026

li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2018/1108 fir-rigward tal-kriterji għall-ħatra ta' punti ta' kuntatt ċentrali għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi u r-regoli dwar il-funzjonijiet tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE², u b'mod partikolari l-Artikolu 45(11) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ issostitwixxa l-paragrafu 9 tal-Artikolu 45 tad-Direttiva (UE) 2015/849 biex jipprovdi lill-Istati Membri bil-possibbiltà li jirrikjedu, minbarra l-emittenti tal-flus elettroniċi u l-fornituri tas-servizzi ta' pagament, li l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi stabbiliti fit-territorju tagħhom f'forom oħra għajr fergħa u li l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jinsab fi Stat Membru ieħor, jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali fit-territorju tagħhom. Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-ħatra ta' punt ta' kuntatt ċentrali u biex jiġu ddeterminati l-funzjonijiet ta' punt ta' kuntatt ċentrali fis-setturi kollha, jenħtieġ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1108⁴ jiġi emendat biex jinkludi referenzi għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi.
- (2) Sabiex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1108 għall-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi u għall-awtoritajiet kompetenti tagħhom, jenħtieġ li d-definizzjonijiet ta' "awtorità kompetenti" u "Stat Membru ospitanti" jiġu emendati biex jinkludu referenzi għal forniture ta' servizzi tal-kriptoassi.
- (3) Huwa meħtieġ ukoll li fir-Regolament Delegat (UE) 2018/1108 jiġu introdotti kriterji għad-determinazzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom l-Istati Membri ospitanti jistgħu

² ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/oj>.

³ Ir-Regolament (UE) 2023/1113 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kriptoassi u li jemenda d-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1113/oj>).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1108 tas-7 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bi standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji għall-ħatra ta' punti ta' kuntatt ċentrali għall-emittenti tal-flus elettroniċi u l-fornituri tas-servizzi ta' pagament u b'regoli dwar il-funzjonijiet tagħhom (ĠU L 203, 10.8.2018, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2018/1108/oj).

jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali. Jenħtiegħ li daww il-kriterji jsegwu l-istess approċċ bħall-approċċ applikat għall-emittenti tal-flus elettroniċi u l-fornituri tas-servizzi ta' pagament, billi jiffokaw fuq id-daqs u l-iskala tal-attivitajiet imwettqa mill-entità fl-Istat Membru ospitanti. Madankollu, jenħtiegħ li daww il-kriterji jiġu adattati biex jaqblu man-natura distinta tas-servizzi tal-kriptoassi.

- (4) Bħal fil-każ tal-emittenti tal-flus elettroniċi u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament, jenħtiegħ li l-Istati Membri ospitanti jkunu jistgħu jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali fil-każijiet kollha fejn dan ikun proporzjonat mal-livell ta' riskju ta' hażil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-operat ta' daww il-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi.
- (5) Għalhekk, jenħtiegħ li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1108 jiġi emendat kif xieraq.
- (6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.
- (7) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2018/1108

Ir-Regolament Delegat (UE) 2018/1108 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (1) u (2) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(1) “awtorità kompetenti” tfisser l-awtorità ta' Stat Membru kompetenti biex tiżgura l-konformità tal-emittenti tal-flus elettroniċi, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament u l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li huma stabbiliti fit-territorju tagħhom f'forom oħra għajr fergħa u li l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab fi Stat Membru ieħor mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2015/849 kif trasposta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali;

(2) “Stat Membru ospitanti” tfisser l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-emittenti tal-flus elettroniċi, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament u l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jinsab fi Stat Membru ieħor ikunu stabbiliti f'forom oħra għajr fergħa;”;

(b) jiżdied il-punt (4) li ġej:

“(4) “fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi” tfisser fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (15), tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj>).

Kunsill*, meta jwettaq servizz wieħed jew aktar tal-kriptoassi kif definit fil-punt (16) ta' dak l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-forniment ta' pariri dwar il-kriptoassi kif imsemmi fil-punt (16)(h) ta' dak l-Artikolu.

* Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj>).’;

(2) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istati Membri ospitanti jistgħu jirrikjedu li l-emittenti tal-flus elettroniċi, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament, u l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li jkollhom stabbilimenti fit-territorju tagħhom f'forom oħra għajr fergħa, u li l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jinsab fi Stat Membru ieħor, jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali meta jiġi ssodisfat kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:”;

(ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) l-ammont kumulattiv tal-flus elettroniċi distribwiti u mifdija, il-valur kumulattiv tat-tranżazzjonijiet ta' pagament eżegwiti, jew il-valur kumulattiv tas-servizzi u l-attivitajiet imwettqa mill-istabbilimenti tas-CASP huwa mistenni li jaqbeż l-EUR 3 miljun għal kull sena finanzjarja jew li jkun qabeż EUR 3 miljun fis-sena finanzjarja preċedenti;”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Mingħajr preġudizzju għall-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri ospitanti jistgħu jirrikjedu li kategoriji ta' emittenti tal-flus elettroniċi, fornituri ta' servizzi ta' pagament, u fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li jkollhom stabbilimenti fit-territorju tagħhom f'forom oħra għajr fergħa, u li l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jinsab fi Stat Membru ieħor, jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali meta dak ir-rekwiżit ikun proporzjonat mal-livell ta' riskju ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-operat ta' dawg l-istabbilimenti.”;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Mingħajr preġudizzju għall-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, Stat Membru ospitanti jista', f'każijiet eċċezzjonali, jagħti s-setgħa lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li tirrikjedi li emittent tal-flus elettroniċi, fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jkollu stabbilimenti fit-territorju tiegħu f'forom oħra għajr fergħa, u li l-uffiċċju prinċipali tiegħu jkun jinsab fi Stat Membru ieħor, jaħtar punt ta' kuntatt ċentrali dment li l-Istat Membru ospitanti jkollu raġunijiet raġonevoli biex jemmen li l-operat tal-istabbilimenti ta' dak l-emittent tal-flus elettroniċi, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament jew il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi jippreżenta riskju għoli ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu.”;

(3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

L-iżgurar tal-konformità mar-regoli AML/CFT (Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu)

Il-punt ta' kuntatt ċentrali għandu jiżgura li l-emittenti tal-flus elettroniċi, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament u l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi li joperaw stabbilimenti speċifikati

fl-Artikolu 45(9) tad-Direttiva (UE) 2015/849 jikkonformaw mar-regoli tal-AML/CFT tal-Istat Membru ospitanti. Għal dan il-għan, il-punt ta' kuntatt ċentrali għandu:

(a) jiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-proċeduri tal-AML/CFT skont l-Artikolu 8(3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2015/849 billi jinforma lill-emittent tal-flus elettroniċi, lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew lill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi dwar ir-rekwiżiti AML/CFT applikabbli fl-Istat Membru ospitanti;

(b) jissorvelja, f'isem l-emittent tal-flus elettroniċi, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jaħtar, il-konformità effettiva minn dawk l-istabbilimenti mar-rekwiżiti tal-AML/CFT applikabbli fl-Istat Membru ospitanti u l-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri tal-emittent tal-flus elettroniċi, tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jaħtar adottati skont l-Artikolu 8(3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2015/849;

(c) jinforma lill-uffiċċju prinċipali tal-emittent tal-flus elettroniċi, tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jaħtu bi kwalunkwe ksur jew kwistjoni ta' konformità li jiltaqa' magħha f'dawk l-istabbilimenti, inkluż kwalunkwe informazzjoni li tista' taffettwa l-kapaċità tal-istabbiliment li jikkonforma b'mod effettiv mal-politiki u l-proċeduri tal-AML/CFT tal-emittent tal-flus elettroniċi, tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jaħtu jew li tista' taffettwa b'xi mod ieħor il-valutazzjoni tar-riskju tal-emittent tal-flus elettroniċi, tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew tal-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jaħtu;

(d) jiżgura, f'isem l-emittent tal-flus elettroniċi, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jaħtu, li tittieħed azzjoni korrettiva f'każijiet fejn dawk l-istabbilimenti ma jikkonformawx, jew ikunu f'riskju li ma jikkonformawx, mar-regoli applikabbli dwar l-AML/CFT;

(e) jiżgura, f'isem l-emittent tal-flus elettroniċi, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jaħtu, li dawk l-istabbilimenti u l-persunal tagħhom jipparteċipaw fil-programmi ta' taħriġ imsemmija fl-Artikolu 46(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849;

(f) jirrappreżenta lill-emittent tal-flus elettroniċi, lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew lill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jaħtu fil-komunikazzjonijiet tiegħu mal-awtoritajiet kompetenti u mal-UIF tal-Istat Membru ospitanti.”;

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-punt ta' kuntatt ċentrali għandu jiffaċilita s-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-istabbilimenti speċifikati fl-Artikolu 45(9) tad-Direttiva (UE) 2015/849 fir-rigward ta' konformità mar-regoli tal-AML/CFT tal-Istat Membru ospitanti. Għal dan il-għan, il-punt ta' kuntatt ċentrali għandu, f'isem l-emittent tal-flus elettroniċi, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jaħtu:”;

(b) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) jirrappreżenta lill-emittent tal-flus elettroniċi, lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew lill-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi li jaħtu fil-komunikazzjonijiet tiegħu mal-awtoritajiet kompetenti;”;

(c) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) iwieġeb għal kwalunkwe talba magħmula mill-awtoritajiet kompetenti relatata mal-attività ta' dawk l-istabbilimenti, jipprovdi informazzjoni rilevanti miżmuma mill-emittent tal-flus elettroniċi, il-fornitur ta' servizzi ta' pagament, jew il-fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi u dawk l-istabbilimenti li jaħtu lill-awtoritajiet kompetenti u jirrapporta fuq bażi regolari fejn

xieraq;”;

(5) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Minbarra l-funzjonijiet speċifikati fl-Artikoli 4 u 5, l-Istati Membri ospitanti jistgħu jirrikjedu li l-punti ta’ kuntatt ċentrali jwettqu, f’isem l-emittent tal-flus elettroniċi, il-fornitur ta’ servizzi ta’ pagament, jew il-fornitur ta’ servizzi tal-kriptoassi li jaħtru, waħda jew aktar mill-funzjonijiet li ġejjin:”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. L-Istati Membri ospitanti jistgħu jirrikjedu li l-punti ta’ kuntatt ċentrali jwettqu waħda jew aktar mill-funzjonijiet addizzjonali speċifikati fil-paragrafu 1 meta daww il-funzjonijiet addizzjonali jkunu proporzjonati mal-livell ġenerali ta’ riskju ta’ haħil tal-flus u ta’ finanzjament tat-terroriżmu assoċjat mal-operat ta’ daww l-emittenti tal-flus elettroniċi, il-fornituri ta’ servizzi ta’ pagament, u l-fornituri ta’ servizzi tal-kriptoassi li jkollhom stabbilimenti fit-territorju tagħhom f’forom oħra ġħajr fergħa.”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament ġħandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament ġħandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8.9.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN